# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur: Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha 21 ta' Ottubru, 2015**

**Talba Nru: 782/15 DMA**

**GO plc**
**C 22334**

**Vs**

**Giorgina Falzon ID 816848M u b'digriet tat-Tribunal tal-21 ta' Ottubru, 2015 gie kjamat in kawza Alfred Falzon ID 930248M**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-16 ta' Settembru, 2015 fejn is-socjeta' attrici talbet illi l-konvenuta ghandha thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn mitejn u tnejn u erbghin ewro u seba' centezmi (€2,242.07) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C40179092 moghtija mis-socjeta' attrici skont l-annessi dokumenti Dok IZY1 u Dok IZY2 - prospett u ftehim ghall-akkont

relattiv u Dok IZY3 - estratt mir-Registru Elettorali u Dok IZY4 - kopja ta' ittra ufficjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12.

Illi l-konvenuta giet interpellata sabiex thallas izda baqghet' inadempjanti u ghalhekk kellha 'ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta, bl-ingunzjoni tal-konvenuta in subizzjoni.

Gie mitlub illi jigi kjamat in kawza Alfred Falzon li huwa prezenti u ta' ruhu b'notifikat.

Giet prezentata ammissjoni da parti ta' Alfred Falzon li talab ukoll illi jhallas l-ammont f'rati mensili ta' mitejn ewro (€200).

It-Tribunal in vista ta' din l-ammissjoni jilqa' it-talba attrici u jikkundanna lil Alfred Falzon ihallas l-ammont ta' ta' elfejn mitejn u tnejn u erbghin ewro u seba' centezmi (€2,242.07) bir-rata mensili ta' mitejn ewro (€200) kull xahar, b'dan pero illi kemm -il darba jinqabzu zewg pagamenti konsekuttivi s-socjeta' attrici titlob il-bilanc f'ammont shih. Bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjez  ikunu a karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Gudikatur**